***Worksheet* S6.2.1**
Għaliex it-Torok attakkaw lil Malta fl-1565?




**GĦALA T-TOROK ATTAKKAW LIL MALTA** (*materjal miġbur minn George Calleja*)

**Aqra u wieġeb.**

L-Ordni ta' San Ġwann minn dejjem kien l-għadu l-kbir tat-Torok. Il-flotta tal-Ordni dejjem kienet tattakka lix-xwieni tat-Torok fil-Mediterran. Barra minn dan il-kavallieri kemm-il darba kienu jgħinu qawwiet oħra Nsara kontra t-Torok. Għalhekk is-Sultan Sulejman iddeċieda li jeqred darba għal dejjem lil din 1-Ordni li tant tatu fastidju.

Malta kienet ukoll f'qagħda strateġika tajba ħafna f'nofs il-Mediterran. Minn hawn il-kavallieri setgħu faċilment jikkmandaw it-triqat tal-kummerċ bejn il-Lvant u l-Punent. Jekk l-Ordni kellu jitlef lil Malta kien ser ikun veru diffiċli li jsib bażi oħra f'qagħda daqshekk tajba fil-Mediterran.

Barra minn dan kien hemm il-kwistjoni tar-reliġjon. Malta kienet qiegħda sservi bħala tarka tar-Reliġjon Nisranija kontra l-Mislem. Dan minħabba l-fatt li jekk l-għadu Mislem jirbaħ lil Malta huwa jkun jista' jużaha bħala bażi minn fejn ikun jista' jattakka lil Sqallija u lill-Ewropa t'Isfel. Għalhekk kienet ħaġa ċara li t-Torok ser jippruvaw jirbħu lil Malta biex itejbu l-pożizzjoni tagħhom fil-Mediterran.

1. It-Torok kienu l-ikbar għedewwa tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.  Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Meta waslet il-flotta Torka f'Malta, La Valette kellem lill-kavallieri u lill-Maltin. X'taħseb li qalilhom?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________